# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum it-Tlieta, 10 ta' Ottubru 2017**

**Rikors Ġuramentat Numru: 123/2008 PC**

**Oliver Grech, u**
**Leontine Refalo**

**vs**

**Charlie Cordina f'ismu proprju kif ukoll għan-nom**
**u in rappreżentanza tas-Soċjeta' Andreluna Co. Ltd.**

***Sentenza dwar l-allegat nuqqas ta' interess ġuridiku fl-atturi.***

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew:

Illi l-konvenut pro et noe huwa debitur likwidu u ċert ta' l-atturi għall-ammont ta' tnejn u għoxrin elf tmien mija u sebgħin Ewro u erbatax-il ewro ċenteżmu (€22,870.14ċ) dovuti bħala bilanċ minn prezz ikbar għall-fornitura ta' xorb li sar fuq ordni tal-konvenut pro et noe u li għalih għadu ma ħallasx dan l-ammont bilanċjali;

Illi skont l-attur, l-konvenut pro et noe ma għandux eċċezzjonijiet validi x'jagħti skont il-liġi kontra din it-talba għall-ħlas ta' dan l-ammont bilanċjali u allura hemm lok li l-kawża ssir bid-dispensa tas-smiegħ a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta – illi dan qed jiġi debitament ikkonfermat skont l-annessa dikkjarazzjoni ġuramentata ta' Oliver Grech hawn annessa u markata bħala Dok. 'A'.
Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddisponi mit-talbiet bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li hija dovuta s-somma bilanċjali ta' tnejn u għoxrin elf tmien mija u sebgħin Ewro u erbatax-il ewro ċenteżmu (€22,870.14ċ) għall-fornitura ta' xorb fuq imsemmija;

3. Tikkundanna lill-konvenut pro et noe iħallas lill-atturi s-somma bl-imgħaxijiet b'effett minn meta saret il-konsenja sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 205/2008 AE u ta' l-ittra uffiċċjali numru 680/2008.

Bil-konvenut pro et noe minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut proprio et nomine li eċċepixxa:

1. Illi r-rikors ġuramentat huwa **irritu u null** peress illi ma sarx skont il-formula stabbilita u ma fihx l-ordni lill-konvenut biex jidher quddiem il-qort fil-jum u fil-ħin li jiġu mogħtija, skont kif rikjest mill-artiklu 167(2) u għalhekk jonqsu formalita' essenzjali rikjesta mil-liġi;

2. Illi r-rikors ġuramentat huwa **null** billi l-oġġett tat-talba mhux ċar peress illi għalkemm qiegħed jintalab ammot speċifiku bħala bilanċ ta' prezz ikbar għal fornitura ta' xorb li allegatament sar fuq ordni tal-konvenut "pro et noe" li jingħad **meta** suppost saret il-konsenja ta' dan ix-xorb, la jingħad **f'hiex kienet tikkonsisti din il-merkanzija** la jing]ad **kif** l-atturi waslu għas-somma minnhom reklamata u wisq anqas kif u għal liema raġuni huma debituri kemm Charles Cordina kif ukoll is-soċjeta' Andreluna Co. Ltd. Lanqas huwa speċifikat jekk dawn humiex suppost debituri kull wieħed minnhom għall-ammont sħiħ, jekk hux solidament jew le, jew jekk Charles Cordina hux suppost responsabbli għal parti mid-debitu filwaqt li Andreluna hix responsabbli għal parti oħra mill-istess pretiż debitu. Għall-istess raġuni m'huwiex ċar lanqas jekk hix qiegħda ssir kawża waħda jew kumulu ta' kawżi. Fil-każ talt-tieni ipotesi, r-rikors ġuramentat huwa null peress li saret talba waħda kontra ż-żewġ konvenuti flimkien u konfużament bejniethom minflok ma saru talbiet separati u distinti kontra kull wieħed mill-konvenuti;

3. Illi r-rikors huwa null peress illi ma nġieb l-ebda dokument biex isaħħah it-talba tal-atturi a tenur tal-artiklu 156(2).

4. Illi r-rikors huwa null peress li l-atturi ma stqarrux li jafu bil-fatti minnhom allegati personalment, kif rikjest fit-tieni proviso tal-artiklu 167(1)(b);

5. Illi bla preġudizzju għas-suespost l-ewwel talba tar-rikors ġuramenta hija **insostenibbli** billi t-talba għad-dispensa mis-smiegħ tal-kawża mhix kompatibbli mal-avviż li hemm fil-bidu tal-istess rikors ġuramenat biex l-intimati jressqu l-eċċezzjonijiet taghhom fi żmien għoxrin (20) jum. Dan anke peress illi l-atturi qegħdin jaħilfu li l-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu u fl-istess ħin qegħdin jistidnuhom biex iressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom. Tant hu hekk illi Artiklu 167 (3) jistipula illi *Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 156 (1) (a), (b), u (c), (2) u (3) u ta' l-artikolu 159 jgħoddu għal dan ir-rikors ġuramentat.* Bir-raġun, il-leġislatur ma jsemmix li japplika l-artiklu 156(1)(d) li jagħmel tassattiv l-avviż dwar l-għoxrin (20) jum għar-rikorsi ġuramentati li ma jkunux qegħdin isiru taħt l-artikolu 167;

6. Illi fi kwalunkwe każ, it-talbiet tal-atturi huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. L-eċċipjenti m'għandhom x'jagħtu xejn lill-atturi.

Għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri jekk jiġu miċħuda t-talbiet ta' nullita' u fl-eventwalita' li l-esponenti jkunu f'posizzjoni li jagħmlu dan kemm-il darba jiġi ċċarat x'qegħdin jitolbu sewwasew l-atturi.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-atturi għas-subizzjoni li għaliha huma msejjħin minn issa stess.

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Mejju 2017 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar il-kwistjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-atturi biex jippromwovu din il-kawża.

Rat in-Noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar din il-kwistjoni.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jittentaw jirkupraw il-bilanċ li jgħidu li huwa dovut mill-konvenut proprio et nomine in konnessjoni mal-bejgħ ta' xorb alkaħoliku u birer li kien sar mill-ħanut magħruf bl-isem "Square Cellar" fir-Rabat, Għawdex meta dan kien għadu gestit minn missierhom. Fil-mori tas-smiegħ ta' din il-kawża qamet il-kwistjoni jekk l-atturi għandhomx interess ġuridiku, billi dan in-negozju kien sar ma' missierhom u mhux magħhom.

Il-**Mattirolo**[1] ifissier b'mod tassew lucidu x'inhu l-interess ġuridiku li jrid ikun hemm f'kull kawża, bil-mod segwenti:

[1] Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano; Torino 5 ta. Ed. 1902 Vol. I 54 et. seq. paġ. 50 -52

*"54. L'azione presuppone il diritto, che essa e' chiamata a tutelare; ma perche' la si eserciti e' mestieri che vi si abbia interesse. Indi' la massima di giurisprudenza tradizionale "**l'interesse e' la misura di azione**" "**point d'interet, point d'action**". Il Codice di procedura civile italiano enuncia questo principio, applicandolo sia all'attore che al convenuto: all'articolo 36 (illum art.100 c.p.c.) e' detto che '**per proporre una domanda in giudizio e per contradirre alla medesima, e' necessario avervi interesse'**….l'interesse necessario per potere partecipare alla causa in qualita' di attore, di convenuto, o di terzo interveniete – deve essere **diretto, legittimo, e attuale.***

*55. E' mestieri dapprima che l'interesse sia **diretto, personale**, perche' …niuno e' ammesso a stare in giudizio se non per difesa di un interesse proprio, o di persona che esso legalmente rappresenta.*

*56. L'interese deve in secondo luogo essere **legittimo**, cioe' confome al diritto di chi sta in causa. L'interesse e' cosa essenzialmente distinta dal diritto, come l'utile e' distinto dal giusto; l'azione compete soltanto a tutula dei diritti, l'interesse e' la molla che la mette in esercizio. Quindi, se l'interesse e' scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possibilie; cosi' che, per isituire un giudizio, non basta che un fatto d'altri pregiudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico, danno che non esiste se non e' injuria datum, se cioe' non e' prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio,offende un nostro diritto.*

*57. Per ultimo l'interesse deve essere **attuale,** val quanto dire occorre che esista al momento in cui si propone l'azione. Avvertasi pero' che l'interesse puo' essere attuale, sebbene il diritto a cui si riferisce sia soltanto a termine, od anche solo eventuale; imperocche' anche un diritto eventuale puo' essere leso; e la lesione fa sorgere l'interesse attuale e legittimo ad ottenere al ricognizione del diritto col mezzo di una condanna preventiva, che risolva la contesa presente"* .

Il-liġi proċedurali tagħna ma tipprovdix artikolu speċifiku dwar dan l-interess ġuridiku f'kawża bħal ma tagħmel dik taljana. Imma kif kellhom okkazjoni jgħidu l-Qrati tagħna:

*" Fu nondimeno ritenuto nella patria giurisprudenza, malgrado il difetto di una preciza disposizione della legge in materia,e come corollario di queste due disposizioni (ss. 256 u 960) che base e misura di ogni azione giudiziario e' l'interesse in chi la istituisce e in chi la contesta; perche' se l'interesse e' una condizione sine qua non per il semplice intervento o per l'appello, e' tale con maggior ragione per poter iniziare un giudizio".*[2]

Infatti teżisti ġurisprudenza konstanti tal-Qrati tagħna dwar l-elementi tal-interess ġuridiku meħtieġa f'kull kawża. Hekk insibu jingħad illi:

---

[2] Micallef Goggi vs Armando Mifsud kollez vol.XXVII.I.507

*"In tema legali jinsab stabilit fid-dritt gudizzjarju civili li l-interess hu l-mizura tal-azzjoni (vol.XXVII.ii.608); u r-rekwizit tal-interess hu ndispensabbli ghall-proponibilita' ta' domandi fi kwalunkwe sede ta' gurisidizzjoni kontenzjuza (vol.XXVII.i.507). L-interess hu l-bazi tal-azzjoni (vol.XXIX.i.891); u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess (vol.XXX.i.317). L-attur fil-gudizzju jrid ikollu nteress jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment taghha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultament vantaggjuz jew utili ghal minn jipproponiha, dik l-azzjoni ma tisxtax tigi protetta. U l-interess irid ikun gia twieled u jrid ikun attwali, biex jiggustifika l-azzjoni (vol.XXXIII.i.108; vol.XXXVII.i.57; XXXVII.ii.608). Biex wiehed jipproponi domanda f'gudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bzonn illi jkollu interess fiha, jigifieri hemm bzonn illi d-domanda ggiblu risultat utili; liema interess irid ikun legittimu u konkret (vol.XXVIII.ii.317)."*[3]

Huwa evidenti li d-dubbju dwar l-interess ġuridiku fl-atturi qam għax irriżulta li n-negozju li tiegħu l-atturi qed jitolbu l-ħlas ma sarx minnhom, imma minn missierhom, meta dan kien għadu jiġġestixxi l-ħanut hu. Wieħed irid għalhekk jara jekk l-interess tal-atturi f'din il-kawża huwiex qabel xejn wieħed **dirett u personali**. Irriżulta mid-dokument anness man-Nota ta' sottomisjonijiet tal-atturi, li fl-2003 kienet saret applikazzjoni biex il-liċenzja tan-negozju ġestit mill-ħanut "Square Cellar" tiġi mdawra għal fuq l-attur Oliver Grech. Id-Dipartiment konċernat irċieva din l-applikazzjoni fit-2 ta' Mejju 2003.[4] Infatti l-istess dipartiment irrilaxxja riċevuta lill-attur għall-ħlas ta' din il-liċenzja fil-1 ta' Settembru 2003, wara li rrikonoxxa lill-Oliver Grech bħala l-liċenzjat il-ġdid.[5] Fil-11 ta' Settembru 2001 kienet mietet omm l-atturi,[6] Għalhekk l-istess atturi, bħala eredi preżuntivi tagħha, ċertament kellhom dritt jidħlu minflokha fil-ġestjoni tas-sehem tagħha minn dan in-negozju, li jidher li kien jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-ġenituri tagħhom.[7] Imma fuq kollox hemm ir-rikonoxximent tal-konvenut stess, li diversi drabi għamel pagamenti akkont lill-atturi dwar xiri ta' merkanzijia li kien għamel mingħand missierhom. Hekk insibuh jgħid fl-affidavit tiegħu li:

*"Ghadda ftit taz-zmien u Joe marad filwaqt li jien bqajt inmur nixtri mill-hanut tieghu u li nixtri kont inhallsu cash dak il-hin ghax kienu jkunu affarijiet zghar. Kif ghaddew qisu sena u nofs gie Oliver fejni u lmenta li naqqast hafna x-xoghol minghandu filwaqt li qal li kelli d-dejn mieghu. Jien ghedtlu ha naraw x'kont hu dan. Qalli hemm kont mhux hazin. Ghedtlu meta trid gib il-karti u narawhom. Again regghu ghaddew xi ftit xhur u one fine day gie mieghu certu Joseph Refalo.*

[3] Appell: Pietro Paolo Borg vs Giuseppe Caruana: 3.12.1984; vol. LXVIII.ii.233

[4] Kopja inkompleta ta' din l-applikazzjoni kienet ġiet esebita mill-atturi bħala Dok. OG 1 a fol. 220 - 223 tal-proċess

[5] Ara Dok. OG. 2 a fol. 224 u Dok. OG 3 a fol. 225

[6] Ara kopja taċ-ċertifikat tal-mewt tagħha, annessa man-Nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi

[7] Infatti l-liċenjza kienet inħarġet għall-ewwel darba fuq Joseph Grech fis-sena 1980 (ara Dok. OG 1), u l-atturi twieldu fl-1972 u 1976 rispettivament (ara numru tal-karta tal-identita' tagħhom fl-okkju tal-kawża)

*Jien ghedt lil Oliver li jien mieghu kelli x'naqsam* [8] *u li allura Refalo ma kellux ghalfejn jigi hawn. Qalli li dan kien ir-ragel t'ohtu u li kien qieghed idejjqu biex jigbor flus li jghid li huma t'ohtu fin-negozju.*

*Poggejna bil-qieghda jien u Oliver. Urieni l-karti u jien bqajt sorpiz meta qalli li kien hemm kont ta' xi hdax- il elf Lira Maltija. Jien dak il-hin irrabjajt ma' Oliver ghax għedtlu li messu kien ilu li bghatilna statements; almenu kull xhar bhalma jaghmel haddiehor. Kontijet ta' ftit mijiet gieli rajt imma mhux ta' eluf. Jien ghedtlu li fejn kien hemm il-firma tieghi u l-karti kienu in regola mal-VAT ha nhallsu issa. Dak il-hin hrigt cekk ta' Lm5000.*[9] *Imbaghad kien baqa' bilanc ta' Lm400 jew Lm600; insejt, li hallejtu pendenti u li qtajtu xi ftit xhur jew sena wara."*[10]

It-tieni element tal-interess ġuridiku huwa li dan irid ikun wieħed **leġittimu**. It-talba presenti hija għall-ħlas ta' bilanċ ta' prezz għall-bejgħ ta' merkanzija li kien sar lill-konvenut, u għalhekk għandna d-dritt ta' kreditur li jirċievi l-ħlas ta' dak allegatament dovut lilu.

It-tielet element huwa li l-interess irid ikun wiehed **attwali.** Fil-mument li ġiet istitwita din il-kawża l-atturi kienu qed jallegaw li kien dovut lilhom l-ammont bilanċjali ndikat fir-Rikors ġuramentat tagħhom, u għalhekk hemm l-attwalita' tat-talba rikjesta minn dan l-element.

Għaldaqstant, wara li eżaminat il-provi relattivi, tiddikjara li jeżistu l-elementi kollha indikati fid-dottrina u l-ġurisprudenza sabiex jissusisti l-interess ġuridiku fl-atturi li jippromwovu din il-kawża, u għalhekk tħalliha għall-kontinwazzjoni fuq il-mertu.

L-ispejjeż jibqgħu riservati.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur



[8] Sottolinear tal-Qorti
[9] Ibid.
[10] Ara affidavit tal-konvenut a fol. 137 - 138